# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 6**

**Rik. Nru. 72/2023 ISB**

**John Gingell Littlejohn (K.I. 419447M), Victor Gingell Littlejohn (K.I. 644245M), Edward Gingell Littlejohn (K.I. 745452M), Raymond Gingell Littlejohn (K.I. 655955M), Joseph Gingell Littlejohn (K.I. 92157M)**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **John Gingell Littlejohn et**, intavolat fl-20 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex a tenur tal-artiklu 325 (4) tal-Kap. 386 jerga' jqiegħed l-isem tas-socjeta AJIREE Company Limited (C4702) fir-registru tal-kumpanniji, b'dan illi l-istess socjeta titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma thassarx minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattivament ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpanniji;*

3. *Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa sabiex is-socjeta AJIREE Company Limited (C4702) u l-persuni kollha interessati jitqieghdu fl-istess pozizzjoni taghhom li kieku l-isem tal-istess socjeta ma giex mhassar minn fuq ir-registru;*

U dan wara li ppremettew:

*Illi permezz ta' provvediment moghti minn dina l-Qorti fis-6 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet "Anthony Buhagiar u Natalie Buhagair vs Ir-Registratur tal-Kumpanniji", ir-Registratur tal-Kumanniji gie ordnat sabiex ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' AJIREE Co. Ltd (C 4702) fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u dan ghal perjodu ta' tlett xhur bdan illi r-rikorrenti f'dawk il-proceduri kienu mistennija li jifdu c-cens pagabbli lill-istess socjeta AJIREE Co. Ltd fiz-zmien hekk koncess mill-Qorti ghal dan il-ghan. Kopja ta' dan il-provvediment qed tigi hawn annessa u markata bhala dok. A1.*

*Illi effettivament il-konjugu Anthony u Natalia Buhagiar ipprezentaw cedola ta' fidi ta' cens fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2022 (Cedola Numru 950/2022) li permezz tieghu gie mifdi c-cens perpetwu gravanti l-appartament numru erbgha (4) fil-blokk ta' appartamenti bl-isem "Perry Court", Block C, fi Triq Birkirkara, San Giljan kif jirrizulta ahjar mill-anness kopja tal-imsemmija cedola markata bhala dok. A2.*

*Illi s-socjeta` rikorrenti ma gietx notifikata bl-imsemmija cedola ta' fidi ta' cens;*

*Illi s-socjeta rikorrenti dan l-ahhar saret taf illi fil-5 ta' April 2019 kienet giet ipprezentata cedola ta' fidi ta' cens ohra fil-konfront taghha (Cedola Numru 661/2019 fl-ismijiet Chen Darshan vs Ajiree Co. Ltd. et) relattivament ghall-fidi ta' cens gravanti l-appartament numru tmienja (8) fl-imsmemi blokk "Perry Court", Block C, triq Birkirkara, San Giljan, izda din qatt ma giet notifikata lilha ghaliex l-indirizz indikat fl-istess cedola ghall-finijiet ta' notifika ma kienx indirizz illi kienet tokkupa l-istess socjeta rikorrenti. Kopja ta' din ic-cedola qed tigi hawn annessa u markata dok. A3.*

*Illi jirrizulta ukoll illi l-istess socjeta AJIREE Co. Ltd kienet tircevi pagamenti ta' cens perpetwu gravanti appartmaneti ohra fl-imsemmi blokk ta' appartamenti u cioe l-appartmenti numru tnejn (2), tlieta (3), hamsa (5), sitta (6) u sebgha (7), lkoll fil-block maghruf "Perry Court", Block C, fi Triq Birkirkara, San Giljan;*

*Illi l-esponenti huma lkoll ulied il-mejtin Edward u Aida Gingell Littlejohn u li bis-sahha ta' testament unica charta fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino tal-20 ta' Settembru 1990, l-ishma kollha li talvolta kehhom fis-socjeta AJIREE Co. Ltd. kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-imsemmi testment markat bhala A4;*

*Illi fid-dawl tal-premess l-esponenti ghandhom interess li fl-ewwel lok jizbankaw l-ammonti depozitati fir-registru tal-Prim Awla tal-Qorti Civili bis-sahha tac-cedoli ta' fidi ta' cens numru 950/2022 u 66/2019 kif ukoll illi jaghmlu skema ta' distribuzzjoni bil-ghan illi l-ammonti hekk zbankati mill-imsemmija cedoli ta' depositu kif ukoll c-cens perpetwu gravanti l-appartamenti l-ohra hawn fuq indikati jigu assenjati lilhom b'mod diviz jew indizi skont kif jifthem bejniethom u b'hekk AJIREE Co. Ltd. ma jkollha l-ebda interess ulterjuri fl-imsemmija cnus u ma jkunx baqa' aktar skop sabiex din il-kumpannija tibqa' fuq ir-registru ta' kumpanniji;*

*Illi ghalkemm l-azzjonisti ta' AJIREE Co. Ltd. kienu ghaddew risoluzzjoni sabiex din tigi xjolta b'mod volontarju u gie mahtur l-intimat Stuart Blackman ghal dan il-ghan, l-istess stralcajrju kien irrizenja b'effett mis-27 ta' Mejju 2019 u ma kien gie nominat l-ebda stralacjarju iehor sabiex ikompli il-process ta' stralc;*

*Illi l-process ta' stralc ma kienx intemm tant illi b'avviz mahrug mir-Registratur tal-Kumpanniji fl-10 ta' Settembru 2019, l-istess socjeta gie kancellata minn fuq ir-Registru ta' Kumpanniji a tenur tal-artiklu 325 (3) tal-Kap. 386;*

*Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma persuni li ghandhom interess li a tenur tal-artiklu 325 (4) tal-Kap. 386 jaghmlu talba sabiex is-socjeta AJIREE Company Limited terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji ;*

*Illi l-perjodu ta' hames snin ikkontemplat fl-imsemmi artiklu 325 (4) tal-Kap. 386 ghadu ma ddekoriex mid-data tal-publikazzjoni tal-avviz ta' thassir originali fl-10 ta' Settembru 2019;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 23).

Rat **id-digriet** tagħha tat-22 ta' Jannar 2024 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fil-21 ta' Diċembru 2023 (fol 28) li permezz tagħha ppreżentaw affidavit tar-rikorrent **Raymond Gingell Littlejohn** (fol 29 sa fol 30).

Rat illi fil-21 ta' Diċembru 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 31) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi kif intqal fir-rikors promotur l-isem tal-kumpanija AJIREE Co. Ltd. (C 4702) kien reġa` tqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji permezz tas-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Mejju 2022 għal perjodu speċifiku ċioe dak ta' tlett xhur mid-data tas-sentenza. Għalhekk prezentament l-isem tas-soċjeta de quo jerġa jinsab maqtugħ minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi primarjament l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar ai termini tal-Artikolu 325(3) tal-Att wara illi ġiet xolta volontarjament mill-azzjonisti tagħha stess, l-istralċjarju kien*

*irrezenja. Illi bħala konsegwenza ta' dina r-rizenja il-prospett illi huwa legalment meħtieġ illi issir mill-istralċjarju skont l-Artikolu 322 tal-Att ma setgħax issir;*

*Illi fil-proċeduri odjerni r-rikorrenti qegħdin jitolbu lill dina l-Onorabbli Qorti sabiex għal darba oħra terġa fid-diskrezzjoni tagħha tqiegħed l-isem tal-kumpanija in kwistjoni fuq ir-Reġistru, b' dan illi dina titqies illi kompliet bl-ezistenza tagħha daqslikieku isimha ma tħassarx minn fuq ir-Reġistru. Dan taħt dawk id-direttivi u proċeduri kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz. Fir-rikors promotur tagħhom ir-rikkorenti qegħdin jgħidu illi b' hekk ikunu jistgħu jizbankaw l-ammonti depozitati fir-Reġistru tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bis-saħħa taċ-ċedoli ta' fidi ta' ċens illi diġa saru kif ukoll dawk l-ammonti illi għandhom x' jaqsmu mal-fidi ta' ċens gravanti l-appartamenti l-oħra speċifikati fir-rikors promotur. Di piu ir-rikkorenti talbu illi jkunu jistgħu jagħmlu skema ta' distribuzzjoni sabiex jiġi assenjat lilhom s-sehem spettanti lillhom bħala azzjonisti tal-kumpanija u sabiex din tal-aħħar ma jkunx baqala ebda skop illi isimha jibqa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi l-esponent Reġistratur jixtieq jgħid illi biex dan issir fil-prattika u biex jiġu osservati l-provedimenti tal-Att dwar il-Kumpanniji l-azzjonisti tal-kumpanija in kwistjoni għandhom jaħtru stralċjarju għall-fini tal-istralċ tal-affarjiet u t-tqassim tal-attiv tal-kumpanija. Dan skont l-Artikoli 270 u 271 tal-Att. Kif l-affarjiet tal-kumpanija jiġu finalment stralċjati l-istralċjarju għandhu jagħmel rendikont tal-istralċ fejn juri kif ikun tmexxa l-proċess tal-istralċ u kif kull attiv għandhu jiġi dispost. Skont l-Artikolu 274 tal-Att, l-istralċjarju għandhu jagħmel skema ta' distribuzzjoni illi turi l-ammont dovut*

*dwar kull azzjoni mill-attiv tal-kumpanija. Il-liġi tkompli sabiex tipprovdi fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu illi l-istralċjarju għandhu jieħu ħsieb illi jibgħat lir-Reġistratur kopja tar-rendikont u tal-iskema tad-distribuzzjoni wara illi dawn ġew approvati fil-laqgħa ġenerali tal-kumpanija mlaqqa appositament għal dan il-għan mill-istess stralċjarju;*

*Illi l-esponent Reġistratur mhuwiex qiegħed joġġezzjona għat-talbiet kif magħmula mir-rikkorenti izda fl-istess ħin jixtieq umilment jissoleva illi l-isem tal-kumpanija AJIREE Co. Ltd. (C 4702) għandhu jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru f' stat ta' xoljiment. Dan sabiex issir dak kollhu illi għandu issir mir-rikkorenti u għal ebda skop ieħor. Fl-istess ħin l-esponent jissolleva illi lest illi joqgħod għal kull direttiva, proċedura u terminu illi dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u ġust illi għandha tistabilixxi skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, deher l-Avukat Louis Cassar Pullicino għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrenti li jekk kemm-il darba l-Qorti ser tilqa' t-talbiet rikorrenti ikun opportun li l-Qorti takkorda minimu ta' sena sabiex jitwettqu l-atti ndikati fir-rikors promotur.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2024 bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, jgħidu li huma l-azzjonisti tal-kumpanija **AJIREE Co. Ltd**, liema ishma ġew għandhom b'wirt, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fl-10 ta' Settembru 2019.

Jispjegaw li permezz ta' provvediment mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet **Anthony Buhagiar et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji** diġà kien sar ravvivament tal-kumpanija *de quo* għal perjodu ta' tliet (3) xhur u dan abbażi ta' talba mir-rikorrenti fil-kawża ċitata sabiex jifdu ċens li kien jappartjeni lill-istess soċjetà. Jgħidu li l-imsemmi fidi ta' ċens sar u fil-frattemp saru wkoll pagamenti oħra ta' ċnus oħra li jappartjenu lill-istess soċjetà, tramite ċedoli ta' depożitu fir-rikors deskritti iżda l-kumpanija saret taf b'dan riċentament minħabba li l-indirizz li fih saru n-notifiki relattivi ma' kienx għadu jintuża.

Isostnu li huma lkoll il-werrieta ta' Edward u Aida Gingell Littlejohn li lilhom kienu jappartjenu l-ishma tas-soċjetà *de quo*, liema ishma ġew devoluti f'isimhom permezz ta' testament fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino datat l-20 ta' Settembru 1990.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandhom interess li jiżbankaw l-imsemmija ċedoli ta' depożitu u jirregolaw is-sitwazzjoni vis-a-vis ċnus oħra li għadhom eżistenti.

Illi fl-affidavit tiegħu **Raymond Gingell Littlejohn** jgħid li l-ġenituri tiegħu Edward u Aida Gingell Littlejohn illum huma t-tnejn mejtin u bis-saħħa tat-testment li kien sar fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino fl-20 ta' Settembru 1990, hu u ħutu s-subien wirtu b'legat l-ishma tal-kumpanija *de quo*.

Jispjega li permezz ta' provvediment mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 2022 fl-ismijiet **Anthony Buhagiar et vs Ir-Reġistratur tal-Kumpanniji** diġà kien sar ravvivament tal-kumpanija *de quo* għal perjodu ta' tliet (3) xhur u dan abbażi ta' talba mir-rikorrenti fil-kawża ċitata sabiex jifdu ċens li kien jappartjeni lill-istess soċjetà. Jgħid li l-istess persuni kienu ppreżentaw ċedola ta' fidi ta' ċens fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Mejju 2022 (Ċedola nru 950/2022) permezz ta' liema ċedola ġie mifdi ċ-ċens gravanti l-appartament numru erbgħa (4) fil-blokk ta' appartamenti bl-isem "Perry Court", Block C, fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, liema ċedola l-kumpanija qatt ma rċeviet.

Jgħid li riċentament sar jaf illi fil-5 ta' April 2019 kienet ġiet ippreżentata ċedola oħra bin-numru 661/2019 fl-ismijiet Chen Darshan vs Ajiree Co Ltd et għal fidi ta' ċens gravanti l-appartament numru tmienja (8) fl-istess blokka, liema ċedola lanqas qatt ma rċeviet.

Jispjega li l-kumpanija *de quo* kienet tirċievi ċ-ċens perpetwu gravanti appartamenti oħra fl-istess blokka u ċjoè l-appartamenti numru tnejn (2), tlieta (3), ħamsa (5), sitta (6) u sebgħa (7).

Jgħid li jeħtieġ li b'xi mod jiġu żbankati l-ammonti depożitati permezz taċ-ċedoli fuq imsemmija, kif ukoll issir skema ta' distribuzzjoni bl-għan illi l-ammonti hekk żbankati kif ukoll ċ-ċnus l-oħra jiġu assenjati lilu u lil ħutu u b'hekk Ajiree Co Ltd tkun tista' tispiċċa.

Jispjega li għalkemm fil-passat kienu diġà għaddew riżoluzzjoni sabiex tiġi xjolta l-kumpanija *de quo* b'mod voluntarju, dan baqa' ma sarx minħabba li l-likwidatur li kien maħtur kien irreżenja u ma ġiex maħtur likwidatur ieħor u konsegwentement il-kumpanija kienet ġiet ikkanċellata mir-Reġistratur tal-Kumpaniji a tenur tal-Artikolu 325(3) tal-Kap 386.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kellha tiġi kkanċellata *ai termini* tal-Artikolu 325(3) stante li l-istralċ ma kienx tkompla bil-mod regolari wara r-riżenja tal-likwidatur.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex tikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u li jekk kemm-il darba tiġi ravvivata, dan għandu jsir b'tali mod li l-kumpanija tiġi ravvivata fi stadju ta' stralċ.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-*

> *reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija **AJIREE Co. Ltd (C 4702)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment u l-Qorti tqis ukoll illi jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet, tenut kont dak li ntqal fir-risposta tar-Registratur intimat u dak li ntqal fl-affidavit ta' Raymond Gingell Littlejohn, illi jingħataw provvedimenti bil-għan illi mhux biss jiġu żbankati kwalsiasi depożiti illi hemm, imma wkoll bil-għan illi l-kumpannija tiġi stralċjata b'mod definittiv, b'distribuzzjoni tal-assi inkluż jekk ikun il-każ.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun xieraq illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **AJIREE Co. Ltd (C 4702)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **AJIREE Co. Ltd (C 4702)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji <u>fi stadju ta' stralċ</u> għal żmien massimu ta' tlett (3) snin mil-lum.

4. **Fir-raba' lok,** <u>tordna</u> lir-rikorrenti sabiex sa żmien xahar mil-lum huma jaħtru likwidatur/stralċjarju u jinnotifikaw lir-Reġistratur intimat b'tali deċiżjoni, b'dan illi fin-nuqqas li jsir dan fil-perjodu msemmi, allura l-Qorti qegħda minn issa taħtar bħala stralċjarju tal-kumpannija **AJIREE Co. Ltd (C-4702)** lill-Avukat Dr Peter Fenech, a spejjeż tar-rikorrenti.

5. **Fil-ħames lok**, <u>tordna</u> lill-istralċjarju, sabiex fit-terminu ta' tlett snin mogħti kif hawn fuq deċiż, huwa jieħu ħsieb mhux biss illi jiżbanka kwalsiasi depożiti illi saru fil-Qorti, imma wkoll jara illi jiffinalizża l-istralċ tal-kumpanija **AJIREE Co. Ltd (C-4702)** skont il-liġi.

6. **Fir-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **AJIREE Co. Ltd (C 4702)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tintbagħat ukoll lill-Avukat Dr Peter Fenech.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**